MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Numru 2/2014

Ammissjoni Nru: 2/2014

Il-Pulizija

(Spettur Nikolai Sant)

Vs

Ruben Dos Santos Crisostomo

Illum 2 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Ruben Dos Santos Crisostomo, detentur tal-passaport Portugiż bin-numru M585282 akkużat talli:

F'dawn il-Gżejjer w barra minn dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Mejju, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina (eroina) f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni;
b) Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi haġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta, ħlief skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienux għall-użu esklussiv tiegħu.

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tal-1 ta' April, 2014, fejn l-imputati ikkonferma l-ammissjoni tiegħu li kienet ġiet rreġistrata mal-preżentata ossia fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2013.

Rat id-digriet ta' din l-istess Qorti, datat 14 ta' April, 2014, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) appuntat il-kawża għas-smiegħ għal-4 ta' Ġunju, 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Mejju, 2014, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammetta l-imputat fis-seduta ta' nhar l-ewwel (1) ta' April, tas-sena elfejn u erbatax (2014) għandhom jitqiesu bħala att ta' akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġunti tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Ruben Dos Santos Crisostomo preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Ġunju, 2014, fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni il-piena li għandha tiġi inflitta fuq l-akkużat Ruben Dos Santos Crisostomo minn din l-Onorabbli Qorti, wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 29

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'żewġ gradi, għandha tkun il-piena ta' priġunerija effettiva għal-perjodu ta' seba' (7) snin, flimkien ma multa ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassativa għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodiċi Kriminal, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u propjetà' mobbli u immobbli appartnenti lill-istess akkużat.

Tiddikjara lil akkużat Ruben Dos Santos Crisostomo ħatji talli:

F'dawn il-Gżejjer w barra minn dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Mejju, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina (eroina) f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni;
b) Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta, ħlief skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienux għall-użu esklussiv tiegħu.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni ta-akkużat ili saret fil-bidu nett tal-proċeduri.

Din il-Qorti tħoss li f' dan il-każ partikolari għandha taderixxi għat-talba konġunta magħmula fit-18 ta' Ġunju, 2014 u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tikkundanna lil ħati Ruben Dos Santos Crisostomo, il-piena ta' priġunerija effettiva għal-perjodu ta' seba' (7) snin, flimkien ma multa ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000) li jekk ma titħallas puntwalment, tiġi konvertita f' terminu ta' sena priġunerija kif ukoll tikkundannah iħallas is-somma ta' elef erbgħa mija u sebgħa u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1467.23), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà' mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax il-jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skond il-liġi.

Finalment, in vista tal-verbal tat-18 ta' Ġunju, 2014, fejn l-Avukat Ġenerali informa lil Qorti illi d-droga esibita hija meħtieġa fi proċeduri oħra m'hix se tordna id-distruzzjoni tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------